**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Keith Falzon**

Kaz Numru: 247/2016

Illum 16 ta' Dicembru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ketih Falzon, ta' 35 sena, iben George u Dolores nee' Butler, imwieled Pieta', fil-31ta' Ottubru, 1980 u residenti Blk Y2, Fl3, Triq il-Helsien, Qormi, detentur ta' karta tal-identita' 506080(M):

Akkuzat talli nhar is-26 t' April 2016 ghall-habta 16:00hrs gewwa Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' injam u oggetti ohra liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbez il-€232.94 izda ma

jaqbizx l-€2,329.37, bil-mezz u bil-lok ghad-detriment ta' Malcolm Cuschieri, Christopher Agius, Philip Seguna u/jew persuni ohra.

U kif ukoll talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li ma ghandux oggezzjoni sabiex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kkonferma l-istess ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet lill-Ufficjal tal-Probation Maria Mifsud.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura u l-gravita' tar-reat, il-fedina penali tal-imputat u c-cirkostanzi tal-kaz. Irrizulta mix-xhieda tal-ufficjal tal-probation li ilha ssegwi lill-imputat snin twal li l-imputat ghandu problema serja hafna u dan billi huwa jabbuza mid-droga u li ma jidhirx li huwa impenja ruhu serjament biex jeghleb dan il-vizzju u ghalhekk ma jibqax aktar fit-triq

tal-kriminalita′ u dan billi hafna drabi jwettaq ir-reati biex proprju jkun jista′ jsostni l-vizzju tieghu. Mehud in kunsiderazzjoni dan kollu l-Qorti tqis li ghandha timponi piena karcerarja effettiva flimkien ma′ ordni ta′ trattament.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 279(a), 278(3), 280(2) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn prigunerija.

Inoltre′ tordna l-hrug ta′ Ordni ta′ Trattament ai termini tal-aritkolu 412D tal-Kodici Kriminali ghal zmien sentejn sabiex jigi mghejjun kemm ghall-vizzju tad-droga, safejn huwa possibli isegwi programm ta′ rijabilitazzjoni kif ukoll jinghata kwalunkwe ghajnuna psikjatrika u/jew psikologika li jista′ jkun ghandu bzonn.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex jiehu in kunsiderazzjoni l-problema akuta ta′ droga li ghandu l-imputat u sakemm jitqies possibbli u mehtieg l-istess hati jinzamm fil-Forensic Unit sabiex ikompli jircievi l-ghajnuna kollha.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat